**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Abdirahman Saed Ahmed**

Kumpilazzjoni Numru: 1233/2014

**Illum 16 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdirahman Saed Ahmed ta' 49 sena, bin saed Ahmed u Fatima, mwieled gewwa Mogadisho nhar l-01 ta' Jannar 1965, ta' Nazzjonalita' Somala, residenti gewwa Kunvent Raghaj it-Tajjeb, Dar ir-Refugjati, Triq l-Idmejda, Balzan, Malta kif ukoll 45, Triq id-Duluri Hamrun, Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45490(A) u detentur bin-numru tal-Pulizija tal-immigrazzjoni 07ZZ-027:

1. Talli nhar it-12 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta tad-9.45 ta' filghaxija, gewwa residenza numru 45, sitwata gewwa Triq id-Duluri, Hamrun, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Anwar Ahmed Iskandar u Ali Ejsa Ali f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tahom daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta fil-partijiet vitali tal-gisem, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-artikli 41 u 211 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anwar Ahmed Iskandar u dan skont ma ccertifika Dr Malcolm Caruana M.D. (Reg No 2864) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi ksur tal-artikli 215, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ali Ejsa Ali, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-artikli 41(1)(a), 215, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ali Ejsa Ali u dan skond ma ccertifika Dr Swami Pandikoralage Perera Indika Thilan M.D. (Reg. No 3705) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal-artikli 215, 217 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghnadhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitlub, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u cioe' Ali Ejsa Ali u Anwar Ahmed Iskandar, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li jikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni u l-familji taghhom ai termini tal-artikli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat

minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i), 217 u 218(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 217 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2015 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali u li fis-seduta tallum ikkonferma tali ammissjoni wara li inghata z-zmien ghar-rikunsiderazzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena l-Qorti tqis in-natura tar-reati li taghhom se jinstab hati l-imputat u l-fedina penali netta tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni, wara li

rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i), 217, 218(1) u (2), 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn u tmien xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' hamest elef seba' mija tmienja u erbghin Euro u seba' centezmi (€5,748.07) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. Qieghed jigi precizat li l-hati mhux qieghed jigi ordnat ihallas l-ispejjez tal-hatra tal-espert Dr Richard Sladden billi tali hatra kienet wahda monka u dan in vista tal-artikoli 548(1) tal-Kodici Kriminali. Il-hati qieghed jinghata tlett (3) snin zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili, liema terminu jibda jiddekorri mid-data li huwa jiskonta s-sentenza. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre' a tenur ta' l-artikoli 23 tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska tas-sikkina ezebita f'dawn il-proceduri.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghaf-favur ta' Anwar Ahmed Iskandar u Ali Ejsa Ali ghal zmien tlett (3) snin u dan skont id-digriet anness.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikser l-ordni ta' protezzjoni.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat